# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 32 – IL-ĦAMIS 19 TA' FRAR 2015
## LAQGĦA B'URĠENZA

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:00pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Antoine Vella | Viċi Sindku (Skużat) |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier (Skużat) |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Kien hemm l-*accountant* tal-Kunsill jattendi.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-*END OF YEAR FINANCIAL STATEMENTS* 2014

1.1 L-Accountant tal-Kunsill spjega li matul is-sena 2014, il-Kunsill kien spiċċa b'surplus ta' €19, 416. Huwa informa li dan kien titjib tajjeb ħafna b'mod speċjali meta kkumparat mas-sena ta' qabel meta kien spiċċa b'deficit ta' €3,590.

1.2 Meta mistoqsi mis-Sindku kemm huwa l-ammont li l-Kunsill jista' jħares lejh biex isir proġett matul is-sena li ġejja, l-accountant informa li l-Kunsill m'għandux jonfoq aktar minn €25,000.

1.3 L-*end of year financial* statements 2014 ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

### 2. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT AMMINISTRATTIV

2.1 Is-SE preżentat kopja tar-rapport amministrattiv li kien meqjus bħala moqri. Il-Kunsill approva r-rapport.

Minħabba l-problema li nqalgħat lill-*accountant* ġurnata qabel kien hemm qbil li l-approvazzjoni tal-*quarterly report* ghall-perjodu ta' bejn Ottubru u Diċembru 2014 kif ukoll il-pjan ta' tliet snin għandhom jiġu diskussa fil-laqgħa li jmiss.

Il-laqgħa spiċċat fit-8pm.

_________________________ _________________________

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Daniel John Attard**
**Sindku**